**368. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali jipproponi illi:**

Din il-Kamra

TINNOTA l-impenn u l-qbil ġenerali tal-Kamra dwar il-ħtieġa li teżisti sabiex ix-xogħol tal-Kamra jitjieb kemm fil-livell u fl-effettività tiegħu u li għal dan il-għan, fost affarijiet oħra, hemm bżonn li jissaħħu d-dispożizzjonijiet tal-Ordnijiet Permanenti dwar il-parteċipazzjoni tal-Membri fil-Kamra u dwar il-kontabilità lejn il-pubbliku; u

TIRRIŻOLVI li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati, fil-verżjoni bil-Malti u fil-verżjoni bl-Ingliż, għandhom jiġu emendati kif ġej:

**Emendi fit-test Malti**

1. L-Ordni Permanenti 158 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*Membri bil-permess ta' assenza*

158. Membru jiġi skużat mis-servizz tal-Kamra jew minn fuq kull kumitat tagħha sakemm ikollu permess ta' assenza mill-iSpeaker.

Dawk il-Membri li jkunu fuq xogħol tal-Kamra, tal-Grupp Parlamentari jew fuq xogħol uffiċjali tal-partit, u Ministri u Segretarji Parlamentari li jkunu fuq xogħol tal-Gvern, u Membri Parlamentari li jakkumpanjaw Ministru jew Segretarju Parlamentari fuq xogħol tal-Gvern barra minn Malta, ikunu mniżżla fil-minuti tal-Kamra li huma skużati. Tkun ir-responsabbiltà tal-Whips li jieħdu ħsieb jinfurmaw lill-iSpeaker b'dawk il-Membri li għandhom ikunu mniżżla bħala skużati u għal liema raġuni.

Fil-minuti għandha tinżamm distinzjoni bejn Membri li jkunu msiefra fuq xogħol tal-Parlament, tal-Gvern, tal-Grupp Parlamentari jew dak uffiċjali tal-partit.

Dawk il-Membri li jkunu morda jew ikunu suġġetti għal xi ċirkustanza straordinarja jkunu mniżżla fil-minuti tal-Kamra bħala skużati u dan wara li jkunu ppreżentaw evidenza li tkun ġiet approvata bħala tali mill-iSpeaker.

2. L-Ordni Permenenti 159 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*Membri assenti bla permess*

(1) Jekk Membru jkun assenti matul ġurnata parlamentari sħiħa mingħajr permess ta' assenza, jeħel penali amministrattiva. L-ammont tal-penali għandu jkun ta' ħamsin ewro (€50) u għandu japplika għal Membri Parlamentari kollha inkluż Ministri u Segretarji Parlamentari.

(2) Il-penali amministrattivi dovuti għandhom jitħallsu lill-Iskrivan tal-Kamra li jista' wkoll

jesiġihom bħala dejn ċivili.

Għall-fini ta’ dan l-Ordni Permanenti “ġurnata parlamentari” tfisser ġurnata li fiha jsir xogħol parlamentari li jikkonsisti f’seduta waħda jew iżjed tal-Kamra u tal-Kumitati Parlamentari.”.

**Emendi fit-test Ingliż**

1. Standing Order 158 shall be substituted by the following:

Members on leave of absence

“158. A member shall be excused from service in the House or on any committee thereof so long as he has leave of absence from the Speaker.

Members who are on business related to the House, the Parliamentary Group or on official party business, and Ministers and Parliamentary Secretaries on Government business and Members of Parliament who accompany a Minister or a Parliamentary Secretary on Government business, outside Malta shall be entered in the minutes of the House as being excused. It shall be the responsibility of the Whips to ensure that they inform the Speaker of those Members who are to be considered excused and for what reason.

The Minutes shall distinguish between Members who are abroad on Parliamentary, Government, Parliamentary Group or official party business.

Members who are sick or are subject to an extraordinary circumstance shall be entered in the minutes of the House as excused, after producing evidence which will have been approved as such by the Speaker.

2. Standing Order 159 shall be substituted by the following:

Members absent without leave

(1) If a Member is absent during the whole of a parliamentary day without leave of absence, he shall be liable to an administrative penalty. The administrative penalty shall amount to fifty euro (€50) and shall apply to all Members of Parliament, including Ministers and Parliamentary Secretaries.

(2) The administrative penalty due shall be paid to the Clerk of the House who may also demand it as a civil debt.

For the purposes of this Standing Order “parliamentary day” means a day during which parliamentary work is carried out and which consists of a sitting or more of the House and of Parliamentary Committees.”

16.07.16